EUROPEAN
COURT
OF AUDITORS

MT

Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, is-27 ta' Ottubru 2022

"Revolving doors": regoli laxki għall-aġenziji tal-UE

Fir-rapport annwali tagħha dwar l-aġenziji tal-UE, ippubblikat illum, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) qalet li jenħtieġ li l-aġenziji tal-UE jissikkaw ir-regoli u l-kontrolli tagħhom biex jimminimizzaw ir-riskju li l-maniġers u l-membri l-oħra tal-persunal superjuri li jitilqu jistgħu jieħdu impjiegi fis-settur privat li jistgħu jwassluhom għal kunflitti ta' interess u jqiegħdu l-integrità tal-istituzzjonijiet tal-UE f'riskju. Fl-istess ħin, l-għassies finanzjarju tal-UE kkonferma li ż-żamma tal-kotba tal-aġenziji kienet affidabbli billi approva l-kontijiet tagħhom għall-2021. L-awdituri taw ukoll lill-44 aġenzija kollha l-marka minima meħtieġa għall-mod kif jiġbru l-introjtu għall-operazzjonijiet tagħhom, u l-aġenziji kollha ħlief waħda nstabu li qegħdin f'qagħda tajba f'dak li għandu x'jaqsam mal-infiq, minkejja li fil-biċċa l-kbira mill-aġenziji kien hemm problemi persistenti fl-akkwist pubbliku.

"Għal darb'oħra nistgħu nagħtu lill-aġenziji tal-UE opinjonijiet pożittivi u favorevoli tal-awditjar dwar il-kontijiet u d-dħul tagħhom, filwaqt li l-infiq tagħhom, b'mod ġenerali, huwa tajjeb biżżejjed", qal Rimantas Šadžius, il-Membru tal-QEA li mexxa l-awditu. *"Iżda l-leġiżlaturi u l-aġenziji jridu jagħtu widen għat-twissija ta' allarm aħmar li aħna ssenjalajna, u jittrattaw is-sitwazzjonijiet potenzjali ta' 'revolving doors' b'mod aktar strett sabiex jipprevienu l-kunflitti ta' interess u jevitaw ħsara għar-reputazzjoni tagħhom stess u għall-UE fl-intier tagħha."*

Ir-regoli tal-UE ftit li xejn jistabbilixxu obbligi għall-korpi tal-UE biex jimmonitorjaw il-konformità tal-persunal attwali u ta' dak preċedenti mar-rekwiżiti tar-"revolving door". Min-naħa l-oħra, l-aġenziji tal-UE – speċjalment dawk b'setgħat regolatorji u b'rabtiet mal-industrija – huma partikolarment suxxettibbli għar-riskju ta' "revolving doors" għal żewġ raġunijiet: l-ewwel nett, huma jiddependu fuq persunal temporanju, u għalhekk għandhom rati għoljin ta' dawran; u t-tieni, il-mudell ta' governanza tagħhom jinkludi bordijiet maniġerjali b'membri li għandhom karigi għal terminu qasir. Il-problema b'dan hija li l-membri tal-bord mhumiex parti mill-persunal tal-aġenziji, u għalhekk ir-regoli dwar ir-"revolving doors" ma japplikawx għalihom. L-awdituri jgħidu li dan joħloq vojt ġuridiku, u jwassal biss biex tiġi vvalutata frazzjoni żgħira ta' każijiet potenzjali ta' "revolving door". Barra minn hekk, ftit aġenziji biss imorru lil hinn mir-rekwiżiti legali minimi meta jittrattaw sitwazzjonijiet potenzjali ta' "revolving door", filwaqt li l-biċċa l-kbira lanqas biss jimmonitorjaw il-konformità fost il-persunal attwali u dak preċedenti tagħhom u, minflok, jiddependu kważi esklużivament fuq l-awtorappurtar.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-Rapport Annwali 2021 dwar l-aġenziji tal-UE maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.
Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg
E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

L-awdituri diġà identifikaw problemi ta' governanza u kunflitti ta' interess għall-aġenziji tal-UE f'diversi rapporti preċedenti tagħhom. Dan ir-rapport għal darb'oħra jiġbed l-attenzjoni għall-problemi ta' governanza tal-aġenziji superviżorji għall-banek, l-assigurazzjonijiet u s-swieq finanzjarji, li jħallu l-bibien miftuħa biex jiġu ffavoriti l-interessi nazzjonali fuq dawk Ewropej.

L-awdituri huma wkoll kritiċi għal darb'oħra dwar il-mod kif l-aġenziji jixtru oġġetti u servizzi, u jħeġġuhom jiżguraw li jiksbu l-aħjar valur għall-flus. Il-fatt huwa li d-dgħufijiet fl-akkwist pubbliku għadhom fost ir-raġunijiet prinċipali għalfejn l-aġenziji jonqsu milli jikkonformaw mar-regoli dwar il-pagament, u reċentement każijiet bħal dawn kienu u għadhom qed jiżdiedu. Għal nofs l-aġenziji, l-awdituri sabu kuntratti li jinvolvu nuqqasijiet. Għal aġenzija waħda – l-eu-LISA, li timmaniġġja sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà u sigurtà – huma qabdu nfiq żbaljat ta' EUR 18.1-il miljun minħabba problemi li kienu diġà ġew senjalati fil-passat. L-Aġenzija issa rċeviet bħala twissija karta safra oħra fil-forma ta' opinjoni tal-awditjar kwalifikata dwar il-pagamenti tagħha, u hija mitluba ttejjeb il-ġestjoni tal-akkwist u tal-kuntratti tagħha.

L-awditu juri li l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna laqtet tliet aġenziji inpartikolari. L-Aġenzija tal-UE għall-ażil (EUAA) talbet għal aktar persunal u flus wara li l-pajjiżi tal-UE li ħadu rifuġjati Ukreni kienu talbu għal aktar assistenza. L-attivitajiet tal-programm spazjali tal-UE (EUSPA) batew minħabba l-fatt li l-lanċjaturi Russi Soyuz ma setgħux jibqgħu jintużaw għas-satelliti Galileo tiegħu. U l-Aġenzija għall-istralċ tal-banek f'diffikultà (SRB) ikkonkludiet li l-gwerra żiedet ir-riskji ta' kreditu fir-rigward tal-iskoperturi tal-banek fil-konfront ta' kontropartijiet fir-Russja, fil-Belarussja u fl-Ukrajna, u għal self lil ditti domestiċi l-aktar esposti għall-effetti tal-gwerra.

Informazzjoni ġenerali

L-aġenziji tal-UE jeżerċitaw influwenza kbira f'oqsma essenzjali tal-ħajja ta' kuljum tal-Ewropej, bħas-saħħa, is-sigurtà u l-ġustizzja. Fl-2021, huma nefqu EUR 13.1-il biljun mill-baġit tal-UE biex imexxu programmi bħal dawk li jappoġġaw il-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-riċerka. Huma impjegaw 14 430 persuna (17 % tal-persunal kollu tal-UE), b'baġit totali ta' EUR 4.1 biljun (2.5 % tal-baġit tal-UE kollu kemm hu), eskluż l-SRB. Il-Frontex tinsab fuq nett fil-lista, b'aktar minn 1 500 membru tal-persunal u baġit ta' EUR 500 miljun.

Fil-kuntest tal-UE, sitwazzjonijiet ta' "revolving doors" iseħħu meta l-membri tal-persunal li jitilqu miċ-ċivil tal-UE jieħdu pożizzjonijiet fis-settur privat li jkunu relatati mal-attivitajiet preċedenti tagħhom. Dan jista' joħloq kunflitti ta' interess u jippreżenta riskju għall-integrità tal-istituzzjonijiet tal-UE minħabba li għarfien siewi minn ġewwa jista' jidħol fis-settur privat, minħabba li l-eks uffiċjali għandhom mnejn jagħmlu lobbjar fil-konfront tal-eks kollegi tagħhom, jew minħabba li uffiċjali attwali għandhom mnejn jiġu influwenzati mill-possibblità ta' impjieg xi mkien ieħor.

Ir-rapport annwali sħiħ dwar l-aġenziji tal-UE huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA, flimkien ma' dokument sommarju intitolat "*2021 - Awditu tal-aġenziji tal-UE fil-qosor*". Illum, nhar il-Ħamis is-27 ta' Ottubru, l-awdituri qed jorganizzaw konferenza online bl-isem ta' "Sound financial management in EU agencies", li tiffoka fuq ir-riskju ta' kunflitti ta' interess marbuta mar-reklutaġġi "revolving door" u ma' problemi fl-akkwist pubbliku. Ara x-xandira diretta fuq YouTube mid-9.30 a.m. san-12.30 p.m.

Kuntatt għall-istampa
Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu
— Damijan Fišer: damijan.fiser@eca.europa.eu – mowbajl: (+352) 621 552 224
— Vincent Bourgeais: vincent.bourgeais@eca.europa.eu – mowbajl: (+352) 691 551 502
— Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu – mowbajl: (+352) 691 553 547